MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 451/2010

**Tlata Ltd**

**Vs**

**Tal-General Company Ltd**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fl-4 ta' Mejju 2010 l-attrici ppremettiet li:-

Permezz ta' skrittura tat-tlettax (13) ta' Awwissu elfejn u tmienja (2008) Dok T, il-konvenuta kienet ikkostitwiet ruhha debitrici certa, likwida u dovuta a favur l-attrici ghas-somma ta' mija u hamest elef sitt mija u tlieta u tletin Euro u sebgha u sebghin centezmu (€105,633.77) rapprezentanti spejjez ta' radam, konsum ta' eletriku u

makkinarju mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta intimata qabel id-data ta' l-iskrittura.

Il-konvenuta hi moruza fl-iskeda tal-pagamenti kif miftiehem fl-iskrittura msemmija u il-bilanc dovut sal-lum huwa ta' tmienja u disghin elf u tmienja u sittin Euro u sebgha u sebghin centezmu (€98, 068.77).

ILLI ghalkemm interpellata l-konvenuta ma hallsitx.

Ghalhekk, l-ammont dovut mill-konvenuta hu cert, likwidu u dovut u l-konvenuta ma ghandhiex eccezzjoni x'taghti. Ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini ta' Artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghad- dispensa mis-smiegh tal-kawza.

Talbet l-attrici sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet fuq premessi, il-qorti

1. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' tmienja u disghin elf u tmienja u sittin Euro u sebgha u sebghin centezmu (€98,068.77) u dana bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' Artikoli 167 *et seq* tal-kap 12 tal- ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez tal- prezenti, tal-mandat ta' sekwestru u bl-imghax kif kontemplat fl-iskrittura msemmija sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta.

<u>Risposta Guramentata tas-socjeta' **Tal-General Company Limited [C24528]**</u>:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu m'hijiex debitrici tal-attrici fis-somma indikata fir-rikors promotur u fl-affidavit anness ma' l-istess rikors bhala Dok PF.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talbiet attrici huma intempestivi ghaliex il-konvenuta dejjem zammet mal-modalitajiet tal-pagamenti maqbula bejn il-partijiet.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attrici hi debitrici tas-socjeta' konvenuta kif ser jirrizulta ahjar mir-rikovenzjoni, u fl-aghar ipotezi trid issir tpacija.

4. Illi minghajr pregudizzju ghal dak li jirrigwarda l-prezz tal-bejgh ta' trencher, dan ghandu jigi mnaqqas bi tmintax fil-mija in kwantu fuq it-transazzjoni in kwistjoni ma kienitx imponibbli t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u fl-ebda hin l-attrici ma harget tax invoice ta' dak l-ammont u/jew ghaddiet lill-awtoritajiet kompetenti l-ammont ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud allegatament dovut fuq tali transazzjoni;

**<u>Rikonvenzjoni ta' Tal-General Company Ltd (fol. 28)</u>**.

Il-konvenuta qeghda titlob:-

1. Dikjarazzjoni li Tlata Ltd hi debitrici tal-General Company Limited.
2. Dikjarazzjoni li Tlata Ltd hi responsabbli ghad-danni u spejjez li sofriet il-konvenuta.
3. Likwidazzjoni tad-debitu, danni u spejjez li huma dovuti lilha mill-attrici.
4. Li l-attrici tigi kundannata thallas is-somma li tigi likwidata.

It-talbiet tal-konvenuta huma bazati fuq il-premessi li:

(a) L-attrici rceviet hlas minghand il-konvenuta li ma kellha l-ebda jedd ghalih. Ippremettiet li jirrizulta li wara li Paul Falzon kien hallas is-share capital bhala sehemu mill-investiment fil-kumpannija konvenuta, sar pagament lill-attrici ta' somma flus mill-konvenut b'mod li Falzon rega' gibed lura l-kapital li kien hareg. Dan meta Tlata Limited ma kenitx kreditrici tal-konvenuta. Agir li fil-fehma tal-konvenuta hu arrikkiment indebitu min-naha ta' Tlata Limited kif ukoll frodi da parti taghha.
(b) L-attrici talbet u ottjeniet mandat ta' sekwestri li kkagunaw hsara lill-konvenuta, li wasslu biex kellha tinkorri imghax fuq self lil banek kif ukoll spejjez ohra.

Tweġiba ġuramentata ta' **Tlata Ltd għar-rikovenzjoni (fol. 46)**:

1. Kull talba għall-ħlas ta' danni hi preskritta skond l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.
2. Talba għall-ħlas ta' danni ma tistax tinġieb 'il quddiem f'din il-kawża imma fi procedura ad hoc skond l-Artikolu 836 tal-Kap. 12.
3. L-attrici għadha ma ħaditx l-investiment li għamlet fil-konvenuta.
4. Ukoll jekk għall-grazzja tal-argument kellu jiġi accettat li ttieħed lura l-investiment li kien sar mill-attrici, dan ma jistax jikkostitwixxi arrikkiment indebitu.
5. It-talbiet rikonvenzjonali huma nfondati fil-fatt u fid-dritt gialadarba fl-iskrittura tat-13 ta' Awissu 2008 jingħad espressament li ma għandhom l-ebda pretensjoni fil-konfront ta' xulxin, u qed jagħtu kwittanza assoluta.

Jibda biex jingħad li l-attrici qegħda tippretendi ħlas mingħand il-konvenuta ta' ammonti li jirriżulta minn skrittura datata 13 ta' Awissu 2008 (Dok. T). F'dik l-iskrittura l-kumpannija konvenuta rrikonoxxiet li kienet debitrici tal-kumpannija attrici għas-somma ta' mija u erbat elef erbgħa mija u għaxar ewro u dsatax-il centeżmu (€104,410.19), in kwantu għal €8,207.19 spejjeż ta' radam u konsum ta' elettriku u €96,203 prezz ta' bejgħ ta' trencher bin-numru 2071066247166247. Fl-iskrittura jingħad kif kellu jsir il-ħlas u l-aħħar klawżola taqra:

***"Illi salv għal dak maqbul hawn qabel, il-partijiet jiddikjaraw li ma għandhom l-ebda pretensjoni fil-konfront ta' xulxin u f'dan is-sens qiegħedin jagħtu kwittanza assoluta lil xulxin."***.

Fl-eccezzjonijiet tal-konvenuta jingħad li m'hijiex debitur, u f'kull każ it-talbiet attrici huma intempestivi għaliex il-konvenuta dejjem żammet mal-modalita tal-pagament pattwita fl-iskrittura fuq imsemmija. Inoltre, l-attrici hi debitrici tal-konvenuta u għalhekk trid issir tpacija. Fir-rikonvenzjoni l-attrici qegħda titlob dikjarazzjoni li l-konvenuta hi debitrici tagħha, u tippretendi wkoll ħlas ta'

danni. It-talbiet tal-attrici huma bazati fuq dawn il-premessi:-

i. L-azzjonisti ta’ Tal-General Company Limited huma Rite-Mix Bros. Ltd, Paul Falzon u Carmel Spiteri.
ii. Paul Fazon, direttur u l-azzjonista ta’ Tlata Ltd, hareg €139,762 biex l-ishma li kellu f’Tal-General Company Limited, ikunu fully paid up.
iii. Kien sar pagament minn Tal-General Company Limited li kien ifisser li Falzon rega’ gibed lura s-share capital li kien hareg; *“Illi kif jirrizulta mit-Trial Balance ta’ Tal-General Company Limited, Tlata Limited ghandha ghalhekk thallas lura lil Tal-General Company Limited tali flejjes imhallsa lilha minghajr titolu.”*[1].
iv. Ma jirrizultax li Tlata Limited kellha xi kreditu fil-konfront tal-kumpannija konvenuta.
v. Paul Falzon u Tlata Limited ghamlu arrikkiment indebitu u frodi fil-konfront ta’ Tal-General Company Limited.

Mela r-rikovenzjoni hi bazata fuq l-allegazzjoni li Paul Falzon ha lura l-flus li kien investa fil-kumpannija Tal-General Company Limited, billi ghaddihom lill-kumpannija tieghu (Tlata Limited). Fis-seduta tad-9 ta’ Gunju 2011 id-difensur tal-konvenuta ddikjara li *“..... l-uniku dokument li ghad fadlilha tressaq is-socjeta konvenuta hu l-kopja tac-cheque tal-hlas li sar mill-kumpannija konvenuta lill-Tlata Limited.”*. Ma tressqux provi li gara xi haga f’dan is-sens. Meta xehed Carmel Spiteri (seduta tat-12 ta’ Lulju 2011), inbidlet ghal kollox il-verzjoni u qal:-

*“Paul Falzon kellu jinvesti s-somma ta’ sittin elf lira Maltin bhala shareholder tal-kumpannija tal-General Company Ltd. Minn din is-somma pero hallas biss is-somma ta’ ghaxart elef lira Maltin. Minn ghalija kien dahal azzjonist tal-kumpannija Tal-General Company Ltd fis-sena 2003. Is-somma ta’ ghaxart elef lira Maltin kien tahieli Falzon personalment f’idi. Meta jiena iccekjajt ma’ l-awdituri rrizulta illi hamsin elf lira Maltin ma tahomlix.*

[1] Ara rikonvenzjoni a fol. 29.

*Il-kumpannija qeghda hazin, ghandha hafna djun. Ili niccekkja ma' l-awdituri dwar jekk kienx hallas Falzon l-investiment kollu li kellu jaghmel fir-rigward ta' din il-kumpannija.*

*Wara li Falzon ghamilli l-kawza jiena bdejt ninvestiga l-affarijiet tieghi.*

*It-trencher kellu jaghtiha lill-kumpannija bhala parti mill-investiment illi kellu jaghmel fil-kumpannija. Din it-trencher tahielna. Din it-trencher hi pari mill-hamsin elf lira Maltin bilanc li kellu jaghmel bhala investiment fil-kumpannija b'valur ta' tlieta u erbghin elf lira Maltin. Jiena nsostni li VAT fuq din it-trencher ma kellniex inhallsu bhala kumpannija. Dan kellu jkun bhala share capital, ma kellux jiccargjani tal-VAT taghha. Din it-trencher hi l-istess magna li Falzon ghamel talba lill-Qorti biex il-kumpannija tieghi thallsu l-valur taghha.*

*Il-pagamenti waqqafthomlu lil Falzon meta rrealizzajt illi l-hamsin elf lira Maltin kienu dovuti minn Falzon bhala sehemu mill-investiment fil-kumpannija u li kien ghadhu ma hallasx.*

*Omissis*
*Jien minn dejjem kont nghid illi s-shares tieghu kien ghadu ma hallasx sehemu minnhom. Imbaghad bdejna ninvestigaw".*

Dan m'huwiex il-mod kif isiru l-affarijiet. Il-qorti tikkunsidra li:-

i. Fit-twegiba guramentata u fir-rikovenzjoni m'hemm l-ebda hjiel tal-verzjoni li ta Spiteri meta xehed fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2011. Kif rajna t-tezi tal-konvenuta kienet li Falzon kien ha lura, minghajr jedd, l-investiment li kien ghamel fil-kumpannija. Sahansitra fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2011 id-difensur tieghu kien iddikjara li ser jipprezenta cekk tal-hlas li sar mill-kumpannija konvenuta lil Tlata Limited. Dokument li qatt ma gie pprezentat. Inoltre, kemm fir-risposta u fir-rikonvenzjoni ma saret l-ebda allegazzjoni li fir-rigward tal-

iskrittura tat-13 ta’ Awissu 2008 il-kunsens tal-konvenut kien vizjat minhabba zball.

ii. Jirrizulta li l-azzjonist fil-kumpannija Tal-General Company Limited hu Paul Falzon u mhux Tlata Limited. Ghalhekk jekk hemm xi hlas dovut ghall-investiment, it-talba trid issir fil-konfront tieghu u mhux ta’ Tlata Limited. Minkejja li Mark Scalpello, l-awditur, xehed li fl-audited accounts jidher li Tlata Limited kellha taghti, mill-provi jirrizulta li l-ishma huma ta’ Paul Falzon[2]. F’dan il-kuntest lanqas mhi korretta t-tielet eccezzjoni li tat Tlata Ltd ghar-rikonvenzjoni, in kwantu jirrizulta li din il-kumpannija ma ghamlet l-ebda investiment fil-kumpannija konvenuta.

iii. Il-qorti ma tifhimx kif Spiteri ghan-nom tal-konvenuta kien ghamel ghaxar pagamenti ta’ €500 kull wiehed, bhala hlas skond klawzola sitt tal-ftehim li tirrelata ghat-trencher jekk isostni li l-ebda hlas mhu dovut. Dwar il-pagamenti li saru fir-rigward tat-trencher mill-konvenuta, hemm qbil bejn il-partijiet (ara nota li pprezentat l-attrici fid-9 ta’ Lulju 2010 u dokument TG1 li pprezentat il-konvenuta mat-twegiba guramentata). Ghalkemm Spiteri xehed li kien irrejalizza b’dan wara li saret investigazzjoni, il-qorti ma tifhimx x’investigazzjoni kien hemm bzonn li ssir biex johrog b’din il-verzjoni.

iv. Spiteri qal li ma kienx kompla jhallas id-dejn oggett tal-iskrittura tat-13 ta’ Awissu 2008, ghaliex kien irrejalizza li Paul Falzon ma kienx hallas sehemu mill-investiment. Hawn ukoll hemm kontradizzjoni, in kwantu l-ewwel qal li l-hlas sar permezz tat-trencher.

v. L-iskrittura li ffirmaw il-partijiet fit-13 ta’ Awissu 2008 hi cara. Jekk kif ighid Spiteri t-trencher kellha sservi bhala parti mill-investiment ta’ Falzon, m’huwiex verosimili li Spiteri ghan-nom Tal-General Company Limited kien ser jiffirma dik l-iskrittura. Mill-provi rrizulta wkoll li meta ffirma l-iskrittura Spiteri kien assistit minn avukat. Fatt li jkompli jsahhah il-fehma tal-qorti li kien jaf x’qieghed jaghmel.

---

[2] Ara dokument CS3 a fol. 42.

vi. Carmelo Spiteri pprezenta skrittura mat-twegiba guramentata (Dok. TG3) li hi ffirmata minnu ghal Tal-General Co Ltd u minn Paul Falzon ghal Tlata Ltd, bid-data tat-30 ta' Marzu 2006. Fiha jinghad: *"Carmel Spiteri direttur ta' Tal-General Co Ltd qieghed jixtri it-trencher minghand Mr Paul Falzon direttur ta' Tlata Ltd ghal prezz ta' Lm41,300.... Tal-General Co Ltd jew Mr Carmel Spiteri ser thallas lil Paul Falzon jew Tlata Ltd, b'xoghol ta' tqattieh ta' blat ghall-prezz tas-suq jew fi flus. Din it-trencher qed tinbieh talequale, billi ra w accetta, bid-difetti li jidru w li ma jidrux, u qed intieh spare parts li huma, katina, paletti, blades u il-gipp. Jekk dan l-ammont ma jithallas fiz-zmien sentejn mid-data tal-llum, ser jizdiedu l-interessi ta' 8%."* (fol. 37). Spiteri ma offra l-ebda spjegazzjoni dwar din l-iskrittura, li tkompli tikkonferma kemm m'huwiex minnu li t-trencher[3] kellha sservi bhala parti mill-investiment li Falzon kellu jaghmel fil-kumpannija konvenuta. Ir-raguni tghidlek li jekk it-trencher kienet ser isservi bhala l-investiment ta' Falzon fil-kumpannija, mela ma kienitx ser tigi ffirmata skrittura ta' bejgh lil Tal-General Company Limited.

vii. Il-qorti ma tifhimx kif il-konvenuta qeghda tippretendi hlas ta' danni ghall-hrug ta' mandati. L-uniku prova li hemm fl-atti dwar mandati hu l-mandat li jissemma fl-iskrittura tat-13 ta' Awissu 2008. F'dik l-iskrittura jinghad car u tond li l-partijiet iddikjaraw li m'ghandhom l-ebda pretensjoni dwarhom. Li Spiteri jghid li ffirma l-ftehim ghaliex kien mhedded li ser isiru mandati, m'hijiex prova in kwantu Spiteri m'huwiex jattakka l-validita tal-iskrittura minhabba vizju tal-kunsens.

Fir-rigward tar-raba' eccezzjoni li tat il-konvenuta, il-prezz tat-trencher hu dak dikjarat fl-iskrittura. Il-ftehim hu ligi bejn il-partijiet. Kif jiffirmaw, il-partijiet huma marbutin ma' dak li jkun jinghad fl-iskrittura u m'ghandux jigi permess li jingiebu argumenti li m'humiex riflessi fil-ftehim miktub.

---

[3] M'hemmx dubju li z-zewg skritturi jikkoncernaw l-istess trencher peress li s-serial number kwotat hu identiku.

Ghal kull buon fini b'riferenza ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li nghatat fir-rigward tat-tieni, tielet u raba' talba tar-rikonvenzjoni, ma tressqitx prova dwar id-data meta nhargu l-mandat/i. Ghalhekk l-eccezzjoni ma tistax tintlaqa'.

B'riferenza ghall-eccezzjoni tal-attrici li talba ghad-danni minhabba hrug ta' mandat kawtelatorju ma tistax issir fi proceduri simili, din ukoll ma tregix. F'kull kaz it-talbiet relatati ma tali pretensjoni jfallu ghar-raguni hawn fuq moghtija.

Ghal dak li jikkoncerna t-talbiet tal-konvenuta li ghamlet permezz tar-rikonvezjoni, fil-meritu ma tat l-ebda prova li l-attrici rceviet xi hlas minghand il-konvenuta li ma kenitx intitolata ghalih. Min jallega jrid jipprova. Gialadarba l-konvenuta ma tatx prova li l-attrici rceviet minghandha xi hlas li ma kellix jedd ghalih, allura l-azzjoni taghha ma tistax tirnexxi. Il-qorti trid tiddeciedi fuq dak li ppremettiet il-konvenuta fir-rikonvenzjoni, u mhux fuq il-verzjoni li ta Spiteri meta xehed. Verzjoni li m'ghandha x'taqsam xejn ma dik li qal fir-rikonvenzjoni. Hu maghruf li l-kawzali tad-domanda hi dik li tkun espressa fir-rikors guramentat jew fir-rikonvenzjoni u m'huwiex lecitu li l-kawza tinqata' fuq kawzali li tkun differenti minn dik espressa. Hu minn dawk l-atti li ghandha tirrizulta r-raguni guridika ta' dak li jkun qieghed jintalab, jew ahjar l-*fundamentum agendi*. F'dan ir-rigward il-konvenuta ma ressqet l-ebda prova.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tilqa' t-talbiet tal-attrici. Ghaldaqstant tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attrici s-somma ta' tmienja u disghajn elf u tmienja u sittin ewro (€98,068.77). Fuq l-ammont jithallas imghax b'effett mid-data tal-iskrittura, kif miftiehem fl-iskrittura.**

**2. Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li nghatat mill-attrici fir-rigward tat-talbiet relatati rikonvenzjonali ma' hlas ta' danni. Spejjez ta' din l-eccezzjoni ikunu a karigu tal-attrici.**

**3. Tichad it-tieni eccezzjoni li nghatat mill-attrici fir-rigward tar-rikonvenzjoni bl-ispejjez kontra taghha.**

**4. Tichad it-talbiet rikonvenzjonali kollha li ghamlet il-konvenuta.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuta**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------